MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2010

Numru. 743/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Sharon Tanti**

**vs**

**Alfred Attard**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Alfred Attard ta’ 59 sena, iben il-mejjet Joseph u Anna nee’ Curmi, imwieled Zejtun fl-4 ta’ Gunju 1943 u residenti f’Alfred, Alfredo Cachia Zammit Street, Zejtun u detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 407343(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fix-Xemxija nhar it-22 ta' Awissu 2002 u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda b'xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1), eccita, ghen, jew iffacilita l-korruzzjoni ta' SA, minorenni ta' 10 snin;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 30 ta' Awwissu 2004 (esebita a fol. 117 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-Artikoli 18 u 203A tal-Kodici Kriminali;

Rat li waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2005, l-imputat Alfred Attard ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz huwa fil-qosor dawn li gejjin. F'Awwissu 2002, l-imputat kien jahdem bhala barman fl-Ambassador Hotel, ix-Xemxija fejn matul il-gurnata kienu jmorru jghumu fil-pool grupp ta' tfal, fosthom il-parti civili SA li dak iz-zmien kellha ghaxar (10) snin. Dawn it-tfal kienu wkoll jidhlu fil-bar fejn kien jahdem l-imputat sabiex jixtru xi haga x'jixorbu u huma kienu joqghodu jilaghbu fil-games room li kien hemm mal-bar. SA allegat li hi u shabha kienu saru hbieb mal-imputat u tghid li wara ftit taz-zmien dan beda jghidilha certu diskors esplicitu li qanqlilha certu kurzita' u ddisturbaha. Tant iddisturbaha dan id-diskors li hija qalet lil hbieb taghha u dawn qalulha li hija kellha tghid lil genituri taghha. Fil-fatt habiba taghha li kienet akbar minnha, (AV li dak iz-zmien kellha erbatax-il sena, qalet lil ommha u din tal-ahhar infurmat lil genituri ta' SA u dawn imbaghad ghamlu rapport lil Pulizija sabiex imbaghad inbdew il-proceduri

odjerni fejn l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta’ istigazzjoni ta’ koruzzjoni ta’ tfal taht l-eta’ kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

SA li xehdet f’dawn il-proceduri fl-udjenza tad-9 ta’ Ottubru 2002 spjegat li fis-sajf li kien ghadu kemm spicca il-familja taghha kienu marru villeggjatura ix-Xemxija u hija flimkien ma hutha s-subien u xi hbieb kienu jmorru l-Ambassador Hotel jilaghbu fil-games room u joqoghdu jitkellmu fuq is-sufan. Hija gharfet lill-imputat bhala l-barman li kien jahdem f’din il-lukanda u spjegat li xi drabi l-imputat kien isejhilha u jistaqsiha domandi bhal jekk hija kellhiex boyfriend u x’kienet taghmel mieghu. Hija qalet li kienet tirrispondi li lil boyfriend kienet tghanqu u tbusu u l-imputat imbagahd staqsiha fejn kienet tmur mieghu u hija kienet qaltlu li kienet tiltaqa’ mieghu l-Ambassador Hotel u li kienu joqoghdu bil-qeghda fuq is-sufan flimkien mal-hbieb. Hija spjegat li l-boyfriend taghha kellu l-eta’ taghha, u cioe’ ghaxar snin. SA qalet ukoll li l-imputat kien qalilha li huwa kellu erba’ girlfriends u li uhud minnhom kienu akbar minnha izda uhud kienu anki izghar minnha. Dejjem skond SA l-imputat kien qalilha wkoll li wahda minn dawn il-girlfriends kellha hdax-il sena meta huwa beda’ johrog maghha u llum (u cioe’ fiz-zmien meta l-imputat qalilha dan id-diskors) ghandha erbatax-il sena u qalilha li kien juza subghajh tan-nofs sabiex imiss il-parti privata ta’ din il-girlfriend ta’ erbatax-il sena. Hija qalet ukoll li l-imputat kien jghidilha li hija *sexy* u *pretty* u li kien ihalli lilha u lil hbiebha jilaghbu l-*games* b’xejn izda shabha kienu jghidulha li meta ma tkunx hemm hi l-imputat ma kienx ihallihom jilaghbu b’xejn. SA qalet li fl-ahhar gurnata l-imputat kien qalilha *‘Do you want to do it with me’* u hija tant kienet skonvolta b’dan il-kliem li marret tghid lill-hbieb taghha u imbaghad il-habiba taghha A marret tghid lil mama’ taghha u din tal-ahhar imbaghad cemplet lil genituri ta’ SA. Hija qalet li l-genituri taghha mbaghad gew il-lukanda u sussegwentement infurmaw lil Pulizija b’dak li kien gara. SA spjegat li meta l-imputat kien jghidilha id-diskors li semmiet huwa dejjem kien isibha wahidha u meta l-hbieb taghha kienu jmorru hdejha huwa kien jieqaf. Hija qalet ukoll li darba minnhom meta hija kienet wara l-bar l-imputat qabdilha il-warrani taghha u ghannaqha u

spjegat li kienet wara l-bar sabiex tghin lill-imputat ghaliex ghall-bidu li saret tafu ma kien jigri xejn hazin. Hija qalet li kienet taf dwar is-sess ghaliex kienet tara l-films fuq il-Movie Channel (channel 45) tal-Melita Cable. Hija qalet inoltre li l-imputat kien qalilha wkoll li meta jkun qieghed fil-karozza u l-girlfriend tkun hdejh huwa jnizzel iz-zip u l-girlfriend '*sucks my dick'*

KA, omm SA, li wkoll xehdet fl-udjenza tad-9 ta' Ottubru 2002, spjegat li f'Awissu 2002 waqt li l-familja kollha kienu villeggjatura ix-Xemxija bintha li kellha ghaxar snin flimkien ma grupp ta' hbieb tal-eta' taghha, kienu jmorru l-Ambassador Hotel filghodu u filghaxija jilaghbu fil-games room. Hija spjegat li darba fost l-ohrajn hi u zewgha rcevew telefonata minghand LV li qaltilhom imorru malajr l-Ambassador Hotel. Meta waslu hemm sabu lil SA mimduda fuq is-sufan bis-Sinjura V tindukraha, it-tifla kienet isterika, bdiet twerzaq u bdiet tghid lis-Sinjura V sabiex ma tghidx lill-ommha x'kien gara.  KA qalet li eventwalment qalulha li l-barman kien qed jghid xi diskors lit-tifla. Hija spjegat li wara li ghamlu r-rapport lil Pulizija kienet semghat lil bintha tghid lill-Ispettur Sharon Tanti li l-imputat kien jistaqsiha x'taghmel mal-boyfriend u li kieku huwa kien il-boyfriend taghha kien ikun irid jaghmel dawk l-affarijiet maghha il-hin kollu.  KA qalet li huma ma kellhomx satellite dish id-dar, kellhom biss l-cable television u li t-tifla kienet qaltilha li kienet tara films tas-sess fuq il-Movie Channel izda hija spjegat li kulhadd jaf x'films ikun hemm fuq il-Movie Channel. Hija spjegat inoltre li l-video player li kellhom id-dar kien ilu zmien twil ma jahdimx u li huma kienu sewwewh ghall-habta ta' Mejju jew Gunju u kienu marru x-Xemxija fl-1 ta' Lulju 2002. KA spjegat ukoll li t-tifla taghha kellha forma ta' learning disorder u esebiet kopji ta' zewg certifikati medici li jispjegaw in-natura ta' dan il-learning disorder (esebiti a fol. 29 sa 35).

AV wkoll xehdet fid-9 ta' Ottubru 2002 fejn spjegat li lil SA kienet ilha tafha u li kienet taraha hdejn il-bahar, San Pawl il-Bahar. Hija qalet li dak is-sajf kienet marret l-Ambassador Hotel sabiex tixtri drink u dahlet fil-games room u rat lil SA u lil hbieb taghha bil-qeghda fuq is-sufan,

huma kienu kollha agitati u bdew jghidu lil SA sabiex tghid lil ommha dwar dak li kien gara. Meta hija staqsiethom x'kien gara SA haditha apparti u qaltilha li l-barman kien qed jagixxi b'mod pervers fil-konfronti taghha u kien jghidilha 'that every night he sucks his girlfriend's pussy' u li hija bdiet tibza' li ser iweggghaha jew li kien ser jistupraha u dan ghaliex kien qalilha li meta tikber kien ser ikollu x'jaqsam maghha. AV qalet lil hbieb ta' SA sabiex ma jhalluhiex wahidha u dak il-hin dahal il-barman u beda' jghidilhom sabiex ma jghamlux storbju anki jekk ma kienx hemm storbju u mbaghad dar fuq SA u qalilha 'jekk gralek xi haga ejja u ghid lili'. AV spjegat li hija mbaghad marret tghid lil ommha x'kien gara u ommha cemplet lil genituri ta' SA.

RZ, habiba ta' SA xehdet darbtejn f'dawn il-proceduri, l-ewwel darba fit-8 ta Otubru 2003 u t-tieni darba in kontro-ezami fit-18 ta' Gunju 2009 fejn qalet li Freddie l-barman tal-Ambassador Hotel kien jistaqsihom x'kienu jaghmlu mal-boys u jekk kienux imissulhom xi parti minn gisimhom. Meta xehdet in kontro-ezami hija qalet li ma kienitx qed tiftakar xejn dwar dak li kien jinghad.

Ikkunsidrat:

Illi fl-24 ta' Awissu 2002 l-imputat irrilaxxja stqarrija (esebita a fol. 20 sa 22 tal-atti processwali) fejn wara li kkonferma li kien jahdem bhala barman fl-Ambassador Hotel u li kien jaf lil SA ghaliex kienet tmur tixtri mill-bar, cahad li huwa kien staqsa lil SA jekk kellhiex boyfriend jew x'kienet taghmel mal-boyfriend u qal li kienet propju hi li staqsietu jekk kienx ra l-boyfriend taghha u meta huwa rrimarkalha li kienet ghadha zghira biex ikollha boyfriend hija kienet irrimarkatlu li diga' taf kollox u li kienet tara is-sex films id-dar ma hutha s-subien meta il-genituri ma jkunux id-dar. Huwa qal li ma kienx minnu li kien staqsiha jekk il-boyfriend taghha kienx imissha anzi kienet hi li kienet tghidlu li mal-boyfriend kien ikun hemm biss kisses and hugs. Huwa qal ukoll li xi gimgha qabel kien qed jilghab billiards ma' SA kontra huha u xi hadd iehor u huwa kien gibdilha l-attenzjoni sabiex tirranga il-malja ghaliex kienet qed tidher il-parti privata taghha.

Huwa cahad li wara l-loghba kien ghannaqha izda qal li kien hadilha b'idejha. Huwa kkonferma li dik il-gimgha kienet dahlet tghinu wara l-bar izda qal li kienet staqsietu hi sabiex tidhol. Huwa qal li dik il-gimgha t-tifla kienet qabdet mieghu bhal qarnita. Huwa cahad li kien qal lil SA kliem bhal 'do *you let your boyfriend touch your pussy'* u qal li kien mizzewweg u kellu tlett itfal u kien nannu ta' tnejn. L-imputat cahad ukoll li kien qal lil SA li kellu erba' girlfriends u li wahda minnhom kellha erbatax-il sena jew li kien qalilha li hija sexy. Huwa qal li kienet SA li kienet tghidlu *'my boyfriend is handsome and I look sexy'* u li l-*boys* kollha jridu johorgu maghha.  Huwa cahad ukoll li kien qal lil SA li meta taghlaq sittax-il sena tkun tista' taghmel dawn l-affarijiet ta' sess u qal li kien qal lil SA li missha tisthi ghad-diskors li kienet tghidlu ghaliex kienet ghadha zghira wisq. L-imputat fl-ahhar tal-istqarrija ghad-domanda jekk kienx ikellem lit-tfal l-ohra qal li kien ikellem lil kulhadd u spicca sabiex jghid testwalment hekk *"Ha nghidlek, li kelli nittanta xi tifla, hemmhekk ikun hemm kull tifla tal-genn, ikbar minnha ta' 13, 14, u anki nisa. Mela lil dik it-tifla."*

L-imputat ghazel lli jixhed f'dawn il-proceduri traskrizzjoni tax-xhieda inserita a fol. 127 sa 133) fejn ikkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija u zied li meta huwa kien ilu jahdem madwar hames xhur fl-Ambassador Hotel SA kienet giet tistaqsih ghall-boyfriend taghha u meta huwa kien irrimarka li kienet ghadha zghira sabiex ikollha boyfriend hija qaltlu li diga' kienet taf kollox u li kienet tara films ta' sess ma hutha u li dawn il-films kienu ta' missierha u kienu sabuhom hi u hutha u kienu joqghodu jarawhom meta l-genituri ma kienux id-dar. Huwa rega' cahad li qatt qal il-kliem li allegat SA fil-konfronti tieghu. Huwa qal li SA qaltlu li ma kienitx tmur tajjeb l-iskola ghaliex it-teacher kienet il-hin kollu tkecciha 'il barra ghaliex kienet imqarba.  In kontro-ezami l-imputat qal li lill-genituri ta' SA ma kienx jafhom ghaliex ma kienux jigu l-lukanda u li kieku sar jafhom kien jghidilhom bis-sitwazzjoni li kienet tinsab fiha t-tifla.

Ikkunsidrat:

Illi kif diga’ inghad aktar ‘il fuq l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta’ istigazzjoni ghall-korruzzjoni ta’ tfal taht l-eta’ u cioe’ ir-reat kontemplat fl-Artikolu 203A tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz il-kwistjoni kollha tirrivolvi dwar kredibillita’ u cioe’ jekk il-Qorti ghandhiex temmen dak li inghad mill-minuri SA. Kif jirrizulta mill-paragrafi precedenti l-imputat qed jichad li huwa qatt qal id-diskors li qed jigi allegat fil-konfronti tieghu anzi jghid li kienet l-istess SA li kienet taqbad dak it-tip ta’ diskors mieghu u tghidlu li hija kienet taf kollox fuq is-sess ghaliex kienet tara films ta’ dak it-tip ma hutha is-subien. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa ix-xhieda ta’ SA u ta’ shabha RZ u AV kif ukoll dik ta’ ommha KA tinsab moralment konvinta li SA kienet qed tghid il-verita’ u thoss li m’ghandha ebda raguni il-ghala tiddubita minn dak li qalet SA dwar id-diskors li kien jghidilha l-imputat. Il-Qorti min-naha l-ohra ghandha dubji serji dwar il-kredibilita ta’ dak li qal l-imputat specjalment meta huwa jipprova jalludi li t-tifla kienet qaltlu li taf kollox koncernanti s-sess u li kienet qaltlu li kienet tara l-films ta’ dan it-tip ma hutha u dan meta ommha xehdet li d-dar huma kellhom biss il-cable television u spjegat li l-video player ma kienx jahdem. Il-Qorti inoltre irriskontrat diskrepanza bejn dak li qal l-imputat fl-istqarrija fir-rigward ta’ dawn il-films u dak li qal meta xehed viva voce quddiem din il-Qorti fir-rigward fejn huwa semma li SA kienet qaltlu li hutha u hi kienu sabu xi films appartenenti lil missierha u kienu rawhom bil-mohbi, haga li l-anqas ghamel acenn ghaliha fl-istqarrija. Il-Qorti inoltre ma tistghax ma tirrimarkax u ma thossiex perplessa dwar il-kumment li ghamel l-imputat fl-ahhar tal-istqarrija tieghu fejn qal li fil-post fejn kien qed jahdem kien ikun hemm tfajliet ta’ tlettax jew erbatax-il sena ferm isbah minn SA lejn min ihares.

Il-Qorti hija tal-fehma li d-diskors li ntqal mill-imputat lil SA, tifla ta’ ghaxar snin biss, certament li ghandu jitqies bhala diskors li istiga l-korruzzjoni taghha. Id-diskors li ntqal lilha mill-imputat certament li m’huwiex diskors li ghandu jintqal minn ragel matur lil tifla ta’ ghaxar snin. Mill-provi fil-fatt irrizulta li hija kienet disturbata u skonvolta b’dan id-diskors. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza migjuba mill-Prosekuzzjoni fil-

konfronti tal-imputat sal-grad rikjest mill-ligi u huwa sejjer ghalhekk jinstab hati tal-istess akkuza.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-agir tal-imputat kien jikkonsisti f'diskors biss u mhux f'azzjonijiet ohra aktar serji u kkunsidrat ukoll il-fatt li l-minuri in kwistjoni kienet qed tithalla zmien twil flimkien ma shabha f'bar ta' lukanda minghajr supervizjoni ta' adult li jkun qed jissorvelja dak li kienu qed jaghmlu dawn it-tfal li fuq kollox kellhom biss ghaxar snin u li jikonstata ghal x'hiex kienu qed jigu esposti it-tfal, u jidrilha li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ser tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28A fil-konfronti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18 u 203A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tmintax(18)-il xahar prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti qed tordna id-divjiet tal-publikazzjoni fuq kwalunkwe mezz ta' telekomunikazzjoni ta' isem il-parti leza, tal-familja taghha u tal-hbieb taghha imsemmijin f'din is-sentenza.

Il-Qorti fissret bi kliem car lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha.

L-imputat min-naha tieghu jiddikjara li fehem ben tajjeb l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jonqos milli josservaha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------